

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 972/2014****tal-11 ta' Settembru 2014****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid kull subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 <sup>(2)</sup>. Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness huma kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunita (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Prodott likwidu li jikkonsisti f'silan, MDP monomeru tal-fosfat, reżini dimetakrilati, 2-idrossietilmetakrilat (HEMA), kopolimer, materjal għall-mili, etanol, ilma u inizjaturi. Huwa maħsub biex jintuża għas-snien.</p> <p>Il-prodott jipprepara l-wiċċ tal-kavitajiet tas-snien biex jingħaqad mal-materjal għall-mili. Jista' jintuża wkoll biex jiddesensitizza l-għerūq, biex jissiġilla d-dentina qabel is-simentazzjoni tar-ristorazzjonijiet bl-amalgama, bħala kisi protettiv għal materjali ristorattivi tal-jonoma tal-ħġieġ jew biex jgħaqqad is-siġillanti għall-kavitajiet u x-xquq fis-snien.</p>	3006 40 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bir-regoli ġenerali 1, 3(a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 4(f) tal-Kapitolu 30 u l-kliem tal-kodiċijiet NM 3006 u 3006 40 00.</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, jiġifieri l-preżenza tal-etanol u l-ilma, il-prodott huwa aktar fluwidu mill-materjal tradizzjonali għall-mili u huwa kapaċi jinfiltra faċilment fis-snien.</p> <p>Għalkemm il-prodott jidher qisu kolla, l-użu tiegħu huwa dak ta' primer fuq is-snien, sabiex jattiva d-dentina fuq il-wiċċ biex jingħaqad mal-materjal għall-mili. Il-prodott jibqa' fuq is-sinna matul u wara t-trattament u jsir parti integrali tal-mili.</p> <p>Il-klassifikazzjoni skont l-intestatura 3506 bħala kolla hija eskluża billi l-intestatura 3006 tipprovdi l-iktar deskrizzjoni speċifika. Barra minn hekk, uħud mill-użi maħsubin, (id-desensitizzazzjoni tal-għerūq, l-issiġillar tad-dentina u l-użu tiegħu bħala kisi protettiv) mhumiex tipiċi tal-kolla.</p> <p>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat skont il-kodiċi NM 3006 40 00 bħal siment għas-snien u mili ieħor għas-snien.</p>